MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 136/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Versus**

**Christopher Shepherd**
**u**
**Marvin Pavia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Christopher Shepherd sive Shortly ta’ 34 sena bin Anthony u Miriam nee Shepherd, imwieled Victoria, Għawdex fl-20 ta’ Lulju 1970 u li joqgħod fil-fond Numru 123 jew 25 Triq tal-Borg Raħal Ġdid u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 19870 (G) u

Marvin Pavia ta’ 26 sena bin il-mejjet Carmel u Theresa nee Saliba, imwieled il-Pieta’ fl-24 ta’ Frar 1978 u li joqgħod fil-fond Block B € F;lat 1 Triq Giacomio Matteotti l-Fgura u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 126578 (M)

Akkużati talli

a) fil-lejl ta’ bejn il-lejl tal-14 sbieħ il-15 ta’ Frar 2005, għall-ħabta ta’ nofs il-lejl minn stabbiliment tal-logħob li jinsab filp-kumpless tax-xiri Gallerija Triq Ħaż-Żabbar il-Fgura kkommettew serq ta’ Lm300 fi flus minn amusement machine għad-dannu ta’ Joseph Zammit minn Birkirkara liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin u dana bi ksur tal-artikoli 263, 267, 269(d) u 270 tal-Kap9 tal-Liġijiet ta’ Malta’;

b) U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kkażaw ħsarat volontarji fuq is-suffit tal-imsemmio stabbiliment tal-logħob liema ħsara teċċedi l-Lm50 iżda mhux iżjed minn Lm500 għad-detriment ta’ Lawrence Vella fi ħdan il-kumpnaija Gallerija Shopping Limited u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

ċ) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkawżaw ħsarat volontarji fuq amusement machine li kienet fl-imsemmi stabbiliment tal-logħob liema ħsara teċċedi l-Lm50 iżda mhxu iżjed minn Lm500 għad-detriment ta’ Joseph Zammit minn Birkirkara u dan abi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

d) akkużati wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellhom oġġetti misruqa jew akkwistati b’qerq u dana bi ksur tal-artikolu 286 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

e) akkużati wkoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi daħlu f'lok li ma kellhomx aċċess għalih u dana bi ksur tal-artikolu 330(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Christopher Shepherd waħdu:

g) Kif ukoll akkużat talli sar reċidiv b'divesi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi;

h) Talli kiser il-kundizzjonijiet u sentenzi mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati datati 26.11.1992; 2.09.1994; 5.08.1994; 17.05.1995; 22.04.1996; 06.06.1996; 20.066.1997; 11.02.1998; 10.07.1998; 30.06.1998; 10.07.1998, 19.11.1999 u 16.11.2004 liema kundizzjonijiet u sentenzi saru definittivi u ma jistgħu jitħassru qatt.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 għas-sigurta' tal-persuni hawn fuq indikati.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid li jġibu n-numri 198 tal-1970 u 1265 tal-1978, il-fedini penali tal-imputati – waħda nadifa –dik ta' Marvin Pavia u l-oħra b'għadd ta' infrazzjonijiet bejn l-1992 u s-sena 2004, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrijiet taż-żewġ imputati, il-current incident report

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

7. Li, skond il-Prosekutur l-Ispettur Jesmond Borg, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Frar 2005 kien sar rapport minn`ertu Carmeol Micallef li kien jaħdem b]ala security ma' Group 4 ġewwa l-Gallerija Shopping Complex. Il-Pulizija marret fuq il-post u f'waħda mill-games rooms kien hemm sgass

fuq żewġ amusement machines. Min kien niżel għax-xaft tal-emergency exit u ħarab mill-bieb ta' wara. Ħadd m'għanmu aċċess għal dan il-bieb tal-emerġenza. Lill-Pulizija ngħata video cassette. Huma nnutaw żewġ ġuvintur qed jaħarbu minn ġox-xaft. (fol 31)

8. Jidher li min għamel dan ir-reat għadda minn ħdejn il-kamra fejn ikun hemm ir-reels. Imbagħad tkisser is-suffitt biex ikun hemm aċċess għall-gamesroom. Min kien għatta wiċċu bil-ħwejjeġ, dawwar il-camera lejn il-ħajt u baqa' ħiereġ.

9. Għall-ħabta ta' 22.28.49 dehru żewġ ġuvintur li fil-ħwejjeġ tagħhom jaqblu mal-persuni li niżlu mix-xaft. Il-ġuvintur kienu l-imputati. Ix-xhud esibixxa 20 clip li jindikaw l-persuni mill-ħwejjeġ tagħhom neżlin kif ukoll meta kienu aktar kmieni qegħdin fil-kumpless fl-intermission tal-film. (Dok JB 2). Huwa ppreżentw wkoll żewġ tickets li allegatament kienu mixtrija mill-imputati.Peress li dawn telgħu f'nos film min kien qed jieħu ħsieb l-aċċess għall-film żamm dik il-parti tal-biljett li tinqata' inti u dieħel.

10. Il-Pulizija għamlet tfittxija fir-residenza tal-imputati iżda ma nstab xejn. Is-sid tal-istabbiliment ma kienx ippreżenta stima tal-ħsarat iżda s-Sur Lawrence Vella kien ippreżenta stima tal-ħsara fis-suffitt li kienet tammonta għal Lm71.80.[1]

**L-Istqarrija ta' Marvin Pavia (16 ta' Frar 2005)**

11. Dan l-imputat innega li kien sagassa xi ħaġa. Huwa qal li l-għodda li kien urieh l-Ispettur ma kienx jagħrafha u mill-kaxxa ma kien ħa xejn. Huwa qal ukoll l hu u seiħbu kienu niżlu normali. (Fol.43). Iżda mbagħad żied jgħid:

***'Jien kont f'dak it-taraġ ma' Shepherd u nżilna dak it-taraġ iżda kien miftuħ.'***

[1] Ikkonfermata bil-ġurament a fol 70.

12. Huwa qal ukoll li n-nies jgħaddu minn kullimkien (u mhux mit-taraġ li suppost jintuża biss). Huma kienu ħarġu mill-bieb imsemmi iża ma kienx hemm siġill.

13. Meta mbagħad kien mgħarraf li l-gwardjan kien għarfu, huwa qal li l-gwardjan mhux lil kulħadd jagħraf.

**Stqarrija tal-imputat Christopher Shepherd.**

14. Dan l-imputat stqarr li kien fil-kumpless bejn l-10.00 u l-10.20 bil-lejl. Huwa kien xtara n-naccos mill-bar ta' ħdejn is-cinema u f'nofs il-film kienet ċemplet omm it-tfajla u marru 'l hemm.

15. Huwa stqarr li barra sieħbu u hu kien hemm ukoll it-tfajliet tagħhom. L-oħrajn kienu daħlu qabilhom. Huwa ċaħad li l-għodda kienet tiegħu. Huwa qal ukoll li l-kaxxi tal-logħob kellhom il-cameras u allura kieku kien jidhr hemm. Huwa kkonferma li kienu niżlu mit-taraġ tal-emerġenza fl-10.20. Huwa ċaħad li kien ħaereġ aktar ard u qal li l-bieb tal-emerġenza kien mikftuħ.

16. PS 1338 Noel Apap ippreżenta r-rapport (fol 59) li kien għamel is-sur Carmelo Micallef li kien sema' xi ħsejjes ġewwa wieħed mix-xaftijet. Ir-rapport sar fin-nofsiegha neqsin ħamas ta' filgħodu tal-15 ta' Frar. Meta marru fit-tielet sular tal-kumpless huma kienu nnutaw li kien hemm is-suffitt tal-games' roomimkisser. Mis-security cameras fl-exit li tagħti għal-Liedna Street nnuttaw żewġ persuni li kienu libsin qmis u jeans partikolari. (Fol.53) Kienu lebsin qmis iċċangjata u jeans u slipper u l-ieħor kellu jeans u qisu ġakketta ċara. Is-siġill tal-bieb kien imkisser. A fol.56 dan ix-xhud qal hekk:

*'Dak il-ħin meta osservajna l-videos li kien hemm fiċ-ċinemas, il-kumpless kollu, huwa mija fil-mija li dawk il-persuni biss kienu lebsin b'dak il-mod li jidhru ħdejn is-cinema u fit-taraġ tal-exit gate.'*

17. Dan ix-xhud għaraf ukoll it-tornavit u xi għodda oħra li nstabu ħdejn il-kaxxi tal-logħob.

18. Xehed ukoll Lawrence Vella li jieħu ħsieb il-maintenance fil-Gallerija Complex. Huwa qal I fuiq is-suffitt eżatt hemm garigor li jagħti mis-cinema 3 għal ħdejn is-cinema 2. Minn dan il-garigor jekk tifqa' s-suffitt tiġi eżatt fil-games room. Il-garigor jagħti għall-projection tas-cinemas minn fuq u isfel jiġi għal fejn il-projection room tas cinemas ukoll. Il-pubbliku m'għandux aċċess għall-projection room. Fil-cameras kienu raw tnejn min-nies neżlin mill-emergency exit. (Fol.64). Dan jagħti għall-emergency door. Jekk tinbotta l-push door dan jinfetaħ u tiġi għal barra. Jekk tinqata' l-cable tie tkun taf xi xi ħadd fetaħ il-bieb. Tliet amusements kienu mifqugħin. Minn fuq il-video kienu raw żewġ persuni li jixtru l-popcorn wara li daħlu fl-intervall tal-film. Huma ma kisrux għal barra. Dan ix-xhud għaraf ir-ritratti li kienu ppreżentati. (Fol 68).

19. Dan ix-xhud kien ra l-kaxxi sgassati bejn l-14 u l-15 ta' Frar filgħodu kmieni. (fol.73)

20. Kien xehed ukoll John Spiteri li huwa Group Security Manager. Huma kellhom ħsarat fis-suffitt. Dan ix-xhud ma kienx ra s-CCTV. Kien ippreżentat ticket bil-ħin u l-ħin li kienet turi l-kamera huma u deħlin dawn inp-nies. (Fol 98). It-tickets kienu kkonfermati bil-ġurament. (Fol 99). Dawn kienu l-uniċi żewġ biljetti li nqatgħu. Il-fire exit jinfetaħ faċilment minn ġewwa iżda mhux minn barra.

21. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li dak li kien xehed kin x'qallu ħadd ieħor.

22. Xehed Carmelo Micallef. Huwa kien banketta tal-luniata wara xatter u suffitt mhux f'postu. Lill-imputati ma kienx rahom. Il-camera tal-way out (fejn hemm it-taraġ tal-emerġenza) kienet iffilmjat il-parti t'isfel. It-taraġ tal-emerġenza jintunża f'każ ta' emerġenza biss. Kemm kien ilu jaħdem fil-post qatt ma kien hemm emerġenza. (Fol 110). Ix-xhud qal li ż-żewġ persuni li kienu qed jixtru kienu ż-żewġ imputati. Huwa kien għarafhom għax kienu jkunu fil-gamesroom.

23. Fil-kontro-eżami x-xhud ikkonferma li l-filmati jkun black and white. Żied jgħid li jekk ikollok flokk striped, fuq

il-kamera flokk striped ser jiġi. Dwar in-numru ta’ persuni fil-kumpless, huwa qal li seta’ kien 120. (Fol 116). Huwa ma setax jgġid jekk kienx hemm nies oħra libsin striped.

24. Xehdet ukoll Diane Enriquez li taħdem fil-box office. HIja qalet li kien raġel wieħed li qata’ l-biljetti. Żiedet tgħid li peress li mhxi usher ma kentix hi li għaddiet il-biljetti.

25. Xehed Charle Camilleri li kien Usher bejn is-6.00 pm u nofs il-lejl. Żewġ irġiel kienu tawh il-biljetti taċ-ċinema fl-intermission. Huwa m’għarafx min kienu ż-żewġt irġiel.

26. Antonella Persiano kkonferma l-ammont ta’ ħsara li kienet saret.

27. Xehed l-imputat Martin Pavia li qal li ġieli, wara x-xogħol, kien imur fil-kumpless. Huwa ċaħad li ien għamel din is-serqa. Huwa nnega li kien kisser xi ħaġa u m’hemm ebda filmat li juri l-affarijiet qed jitksisru. (Fo. 194). Dak in-nhar huwa kien daħal is-cineam.. Huwa xehed ukoll li s-serqa kienet saret fit-tieni sular li jkujn magħluq b’kanċell waqt li l-imputat kien fuq. Huwa kkonferma li kienu nqatgħu l-biljetti għall-film. Fit-tieni sular huwa ma kienx mar. Huwa kien għadda mill-escalator

*‘li ma tiġix minn quddiemu niġi minn kontrih u nitla’ għal fuq taċ-ċinema.’*

28. Joseph Pace xehed bħala characrer reference tal-imputat Pavia.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

29. L-aktar żewġ imputazzjonijiet serji huma dak tal-ħsara u tas-serq. F’każ li jkun ippruvat is-serq, il-ħsara titqies bħala mezz għall-fini.

30. Il-Prosekuzzjoni bbażat il-każ tagħha premirjament fuq ir-ritratti li ttieħdu minn fuq il-CCTV.

31. L-ewwelnett m'hemmx għalfejn jitqabbad espert biex iqabbel ritratt ma' ieħor biex jara jekk dawn humiex l-istess persuni. Din mhix xi biċċa xogħol li trid il-ħila ta' espert (bħal xi analiżi tad-demm) iżda fil-każ odjern hija sempliċiment il-Qorti tara jekk hemmx qbil biżżejjed f'dak li jidher bejn ir-rtitratti meħudin fl-10.18 tal-14 ta' Frar 2005 u fiz-00-09.23 tal-15 ta' Frar 2009.

32. Il-Qorti xtarret ukoll dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet tagħhom.

33. Għall-ewwel Marvin Pavia ċaħad li niżel minn hemm iżda fl-istess stqarrija imbagħad ammetta li kien għadda minn dak it-taraġ fil-ħin imsemmi mill-ispettur jiġifieri fl-00.09 tal-15 ta' Frar, 2005 u qal ukoll ma kinux sabu s-siġilli..

34. Min-naħa l-oħra Christopher Shepherd ammetta li kien niżel mit-taraġ tal-emerġenza fl-10.20.

35. Il-Qorti qed tiddeċidi li ż-żewġ persuni mixjin maqbudin mill-kamera numru 11 huma l-istess persuni li qabdet il-amera numru 4 kien min liebes ġakketta ta' kulur wieħed u kemm minn liebes ġekketta iċċangjata.

36. Mill-camera numru 11, uċuh il-persuni huma l-istess uċuh tal-imputati. Imur kontra l-probabilita' matematika fl-aktar mod bażiku tagħha li fit-teatru jkun hemmm fl-istess ħin żewġ persuni oħra li jkunu libsin l-istess u jibqgħu niżlin **flimkien** mill-istess taraġ minn fejn għaddew il-persuni li wiċċhom jidher fil-camera numru 11. Il-37. Qorti qieset ukoll x'qalu l-imputati fl-istqarrijiet tagħhom dwar il-preżenza tagħhom fit-taraġ tal-emerġenza.

38. Għalhekk qed tikkonkludi li

(a) il-persuni maqbudin mill-camera numru 11 huma l-istess persuni li għaddew mit-taraġ tal-emerġenza;

(b) li l-imputati huma l-persuni li jidhru fir-ritratt miġbud mill-camera 11 kif ukoll mill-camera numru 4.

39. Il-Qorti mhix qed temmen dak li qal Martin Pavia fl-istqarrija li l-bieb kien miftuħ u dak li qal Christopher Shepherd li telaq lejn id-dar fl-10.20 ta' filgħaxija għax allegatament kienet ċemplet onmm it-tfajla.

**Provi dwar ħsara u serq**

40. Wara li kien stabbilit dan, il-Qorti qed teżamina jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx li l-imputati kienu responsabbli tal-ħsara tas-soffitt u fuq l-amusement machines u tas-serqa.

41. Kienet ippreżentata riċevuta (Lm71.80 ekwivalenti għall-€168) għall-ħsara tas-soffitt u din kienet ikkonfermata bil-ġurament.

42. Min-naħa l-oħra ħadd ma kkonferma bil-ġurament il-ħsara fuq l-amusement machines kemm kienet tammonta u lanqas kemm kienet tammonta s–serqa. L-Ispettur semma s-somma ta' Lm300 (€700) li ttieħdet mill-amusement machines meta kien qed jieħu l-istqarrijiet tal-imputati.

43. Biss min kellu jixhed dwar dan, minkejja l-isforzi qawwija li għamlet il-Pulizija, qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri.

44. Id-difiża ssottomettiet li ħadd ma jista' mixli li seraq xi ħaġa li hija kontra l-Liġi għax dawn kienu flus f'amusement machine.

45. Il-Qorti qieset din is-sottomissjoni mill-ottika Kriminali biss (u mhix minn dik ċivili) fid-dawl tad-definizzjoni tal-Carrara li jagħti din id-definizzjoni ta' serq.

'La contrectatio dolosa della cosa altrui fatta invito domino con anima di farne lucro.' [2]

46. Minn din id-defizzjoni jirriżulta li wieħed irid jieħu xi ħaġa li tkun ta' ħadd ieħor. L-oġġett li jisteraq irid ikun mobbli, fiżiku, u għandu valur. Għal dak li 'ownership', jinħtieġ li l-oġġett ikun ta' ħadd ieħor ukoll jekk is-sid ma

[2] Ara; Il-Pulizija versus Mario Tanti ( 9 ta' Diċembru 1944)

jistax jinstab. U hawn il-Qorti tirreferi għal dak li jgħid il-Professur Mamo:

***‘It is sufficient for the crime that the person taking it away had no right thereto. In fact it is not necessary that the person from whom the thing has been taken shall have been the owner thereof in the full sense of the civil law. He may be a person having possession or control of the thing. Consequently, paradoxical as it seems, a man may commit a theft by stealing his own property.’***[3]

47. F’dawn in-Noti mkien ma jingħad li m’hemmx ir-reat ta’ serq jekk l-oġġett misruq ikun ittieħed minn għand min kellu l-kontroll tal-oġġett mhux skond il-Liġi. Ħalliel jista’ jisraq oġġett li ħalliel ieħor ikun seraq għaliex xorta jkun qed jieħu xi ħaġa li s-sid tagħha huwa ħadd ieħor li, f’kull każ, mhux il-ħalliel.

48. Fil-każ odjern lanqas jeżistu dawn l-estremi. Lanqas ttellgħu l-provi (da parti tad-difiża) dwar l-allegazzjoni li l-flus setgħu kienu akkwistati kontra l-Liġi.

49. Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi din is-sottomissjoni tad-difiża.

50. Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tiskarta dak li xehed John Spiteri minħabba lid an huwa bbażat fuq hearsay. (Artikolu 598 tal-Kap 12 kif applikat għall-Kap 9).

**Konsiderazzjonijiet Oħra**

51. Ġie ppruvat il-fatt li l-machines kienu sgassati iżda ma ttellgħet ebda prova ta’ kemm insterqu flus. Għalhekk prova matematika ta’ kemm isnterqu flus l-Qorti m’għandiex quddiemha.

---

[3] Professru Sir Anthony Mamo: Notes to Criminal Law Part II paġni 275 u 276. Ta’ idea oħra jidher li huwa l-Antolisei a pagina 241 Manuale di Diritto Privato pagina 247’ ‘Se, quindi, il proprietario sottrae la cosa al possessore che ha su di essa un diritto di garanzia o di godimento ( ad es., il diritto di pegno), egli incorre senza dubbio in una responsabilita’ civile, ma non puo’ essere condannato per furto.’

52. Barra dan, il-Qorti trid tara jekk il-fatt ippruvat li

(i) l-imputati kienu fl-emergency exit meta mhux suppost għaddew minn hemm;

(ii) meta ppruvaw jaħbu l-identita’ tagħhom billi jew attew wiċċhom jew resqu mal-ħajt kemm jista’ jkun biex ma jinqabdux mill-camera huma u għaddejjin mit-tali taraġ;

(iii) li l-allegata serqa u l-ħsara kienu skoperti ftit tal-ħin wara li kienu għaddew l-imputati;

(iv) li l-imputati inqabdu mill-camera ħerġin wara nofs il-lejl meta l-post kien magħlqu

huwiex prova biżżejjed li kienu huma li għamlu ħsara fis-soffitt u li sgassaw l-amusement machines u serqu minnhom.

53. Il-Qorti qed tiddeċiedi kif ġej:

**Is-serq**

54. Il-Qorti m’għandha quddiemha ebda xhieda li tistabilixxi li sar xi serq u jekk fil-każ kemm bejn wieħġed kien jammonta. ta’ Fl-assenza ta’ xhieda tanġibbli li sar is-serq il-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputati minn tali reat ġaladarba s-sid qatt ma deher il-Qorti u ma kienx hemm prova alternattiva li sar is-serq tal-flus mill-amusement machines.

**Il-ħsarat fis-soffitt u fl-amusement machines.**

55. Kien hemm provi tal-ħsarat u tal-ammont tal-ħsara tas-soffitt. Mill-provi prodotti, waqt li hemm suspett kbir minn min setgħu saru dawn il-ħsarat, il-Qorti qed tiddeċiedi li m’hemmx il-prova ‘l hemm minn kull dubju raġonevoli kif jitolbu l-proċeduri kriminali.

**Wara dawn l-imputazzjonijiet hemm l-imputazzjoni (d) u (e).**

56. L-imputazzjoni (d) hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha. F'kull każ din ma kenitx ippruvata.

57. Fl-aħħarnett fadal l-imputazzjoni (e) li tirreferi għal dħul f'dar jew lok ieħor jew b'wieħed mill-mezzi msemijin fl-artikoli 264, 265 u 266 (ara artikolu 330(a)u 330(b). L-imputati jirriżulta li daħlu f'lok fejn mhux suppost li daħlu. Iżda dan l-artikolu jirrikjedi element ieħor – wieħed mill-mezzi indikati fl-artikolii 264, 265 u 266. Minħabba li jonqos dan l-element il-Qorti qed tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni wkoll.

58. Fil-konfront ta' Christopher Shepherd huwa kien ukoll addebitat bir-reċidiva. Dl-assenza ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet l-oħra l-Qorti qed tillibera lil Christopher Shepherd minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**59. Il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(b)(ċ) (e)(f), 263, 267, 269(d), u 270, 325(1)(b) 334(a), u 330(a) tal-Kap 9 fil-konfront taż-żewġ imputati waqt li fil-konfront ta' Christopher Shepherd qed tqis ukoll l-artikolu 49 u 50 u l-artikolu 23 tal-Kap 446, qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet (a), (b)(ċ) u (e) u fil-konfront ta' Christopher Shepherd mill-imputazzjoni mmarkata (ġ) (din kellha tkun immarkata (f)) kif ukoll dik mhix immarkata fiċ-ċitazzjoni (ksur ta' kundizzjonijiet) iżda fil-bidu tas-sena mmarkata bħala (h))) u mhix tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni (d) fil-konfront taż-żewġ imputati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------